**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Appell Numru: 283/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christopher Formosa)**

**vs**

**Gildave BRIGNONE**

**Illum, 25 ta' Settembru 2024**

Il-Qorti,

Rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar l-20 ta' Ġunju 2023 fil-konfront ta' **Gildave BRIGNONE**, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 17298(M) li ġie mixli talli:

   Nhar id-9 ta' April 2019 għall-ħabta tal-10:15hrs ġewwa l-Ħamrun:

   (1) Uża, ġiegħel jew ħalla lill-persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq, kemm il-darba, għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skond il-każ, ma tkunx isseħħ polza tal-

assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni (Kap. 104, Artikolu 3 (1));

(2) Saq vettura bil-mutur jew vettura oħra, mingħajr il-liċenzja tas-sewqan (Kap. 65, Artikolu 15(1)(a),(3)).

Il-Prosekuzzjoni talbet lill-imsemmija persuna tiġi skwalifikata mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għall-perjodu ta' żmien ta' mhux inqas minn tnax-il xahar.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-artikoli relevanti tal-liġi ossia l-Art. 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 u l-Art. 3(1) tal-Kapitolu 104, sabet lill-imputat **Gildave BRIGNONE** (illum l-appellant) ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu għall-ħlas ta' multa komplessiva ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2,500). Fuq talba tal-imputat, il-Qorti awtorizzat li l-multa tkun pagabbli f'ħamsa u għoxrin (25) pagamenti mensili ugwali (Kap. 9, Art. 14(2)). B'żieda mal-piena l-Qorti applikat ukoll id-dispozizzjonijiet tal-Art. 3(2A) tal-Kap. 104 u tal-Art. 15(3) tal-Kap. 65 u skwalifikat lill-imputat milli jkollu jew jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien tnax-il xahar u tmint ijiem.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi **Gildave BRIGNONE** appella minn din is-sentenza permezz ta' rikors intavolat minnu fit-3 ta' Lulju 2023, u talab lil din il-Qorti sabiex:

   a. *Tannulla u tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar l-20 ta' Ġunju 2023;*

   b. *Tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar l-20 ta' Ġunju 2023*

*in kwantu fejn instab ħati u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni u piena; jew sussidjarjament u mingħajr preġudizzju;*

c. *Tirrevoka u tvarja s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar il-31 ta' Mejju 2022 in kwantu l-piena nflitta u minflok timponi piena iktar ekwa u ġusta fiċ-ċirkostanzi.*

## D. RISPOSTA TAL-AVUKAT ĠENERALI

4. Illi l-Avukat Ġenerali wieġbet għar-rikors tal-appell tal-appellant b'risposta ntavolata nhar it-12 ta' Jannar 2024, li permezz tagħha sostniet illi din il-Qorti għandha tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## E. TRATTAZZJONI TAL-PARTIJIET

5. Illi fl-udjenza miżmuma quddiemha nhar it-22 ta' April 2024, din il-Qorti semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar l-appell intavolat mill-appellant.

## F. IL- KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

6. Illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi nhar id-9 ta' April 2019, għall-ħabta tal-10:15hrs, waqt *spot checks* ġewwa Triq Ħal-Qormi, Ħamrun, PC 1608 Anthony Dimech waqqaf vettura tal-marka Isuzu, ta' kulur abjad, bin-numru ta' reġistrazzjoni EBV 117. Din il-vettura kienet misjuqa mill-appellant Gildave BRIGNONE, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 17298(M), li meta mistoqsi sabiex jipproduċi l-liċenzja tas-sewqan, wieġeb li din ma kinitx fuqu. PC 1608 staqsih jekk kellux liċenzja tas-sewqan ta' kategorija C, sabiex ikun jista' jsuq il-vann in kwistjoni, għal-liema domanda, BRIGNONE wieġeb illi kellu kollox sew. PC 1608 informa lil BRIGNONE illi kien se jagħmel il-verifiki tiegħu mal-Awtorita`dwar it-Trasport f'Malta, u ħa d-dettalji tal-istess BRIGNONE, filwaqt illi nfurmah illi kemm il-darba m'għandux liċenzja tas-sewqan

tal-kategorija Ċ, kienu se jinħarġu l-akkużi fil-konfront tiegħu. Mill-verifiki illi l-istess PC 1608 wettaq mal-Awtorita` msemmija, irriżulta illi l-appellant kellu liċenzja tas-sewqan ta' Kategorija B, filwaqt illi l-vettura misjuqa minnu kienet teħtieġ liċenzja tas-sewqan ta' Kategorija Ċ.[1]

7. Sussegwentement inħarġu l-imputazzjonijiet odjerni fil-konfront tal-appellant, li deher quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, u nhar l-20 ta' Ġunju 2023, kif ingħad, huwa nstab ħati mill-istess Qorti tal-imputazzjonijiet kollha kif miġjuba kontra tiegħu.

8. Illi fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jissolleva n-nullita` tas-sentenza appellata u dan stante illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) naqset milli timmotiva s-sentenza tagħha.

9. Illi din il-Qorti tinnota illi fil-verbal tas-seduta tal-20 ta' Ġunju 2023, ossia tal-jum li fih ġiet deċiża l-kawża odjerna, l-ewwel Qorti niżżlet id-*decide* u ċioe` illi:

> Il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontrih (Kap 104 Art 3(1), (Kap 65 Art 15(1) (a), (3)). Tikkundannah ihallas il-multa ta' Euro 2500 pagabbli fuq medda ta' 25 xahar pagamenti mensili w tiskwalifikah milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' 12-il xahar u 8 ijiem.[2]

10. Imbagħad fl-istess proċess, wara l-verbal imsemmi, a fol. 24 *et seq* tal-proċess, wieħed isib is-sentenza tal-ewwel Qorti tal-20 ta' Ġunju 2023.

11. Din il-Qorti tirrileva illi huwa evidenti illi s-sentenza tal-ewwel Qorti m'hijiex dak li ġie riprodott fil-verbal tas-seduta tal-20 ta' Ġunju 2023, għaliex dan huwa biss verbal li jipproduċi dak li seħħ dakinhar fil-kawża odjerna, inkluż ukoll l-parti tad-*decide* tal-istess sentenza, dettata mill-Maġistrat *seduta stante*. Is-sentenza, li ġġib id-data tal-20 ta' Ġunju 2023, u hija ffirmata kemm mill-Maġistrat, kif ukoll mid-Deputat Reġistratur, hija dik li tinsab esebita a fol. 24 *et seq* tal-proċess, mil-liema jirriżulta illi

[1] Ara l-affidavit ta' PC 1608 Anthony Dimech, a fol. 3 tal-proċess.
[2] A fol. 22 tal-proċess.

dak li ġie dettat mill-Maġistrat *seduta stante* ġie reġistrat u riprodott fl-istess sentenza.

12. L-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali, applikabbli għall-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, jirregola l-formalitajiet essenzjali li jeħtieġ illi jiġu osservati skrupolożament fis-sentenzi tal-istess Qorti, u dan taħt piena ta' nullita`. Dan l-artikolu jaqra hekk:

> Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat.

13. Minn ħarsa lejn is-sentenza appellata, jingħad minnufih li ma jirriżultax illi din tippekka f'xi waħda mill-formalitajiet li jirrikjedi l-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali u għaldaqstant il-vot tal-liġi ġie osservat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-sentenza tagħha. L-appellant isostni illi l-ewwel Qorti kellha wkoll – jiġifieri oltre għal dawk il-kweżiti li tirrikjedi l-liġi *ad validitatem* – tinkludi l-motivazzjoni li wasslitha sabiex tasal għad-deċiżjoni tagħha. Mir-rikors tal-appell tal-appellant, jirriżulta illi hawnhekk huwa qed jirreferi għal dak li huwa jsejjaħlu "*pronunċjament miktub f'forma ta' verbal*", li madankollu, kif ingħad m'huwiex is-sentenza tal-ewwel Qorti, iżda sempliċiment verbal. Fil-fatt fis-sentenza tagħha, l-ewwel Qorti għamlet il-kunsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward ta' kull imputazzjoni kif miġjuba kontra l-appellant u spjegat għaliex kienet qiegħda tinstab ħtija dwar kull waħda minn dawn l-imputazzjonijiet, b'dan għalhekk illi lanqas fattwalment, dan l-aggravju ma jreġix.

14. Fi kwalunkwe każ, l-Artikolu 382 jitlob *inter alia* li jissemmew il-fatti, u mhux ukoll ir-raġunijiet, jew il-motivazzjoni li wasslu għas-sejbien ta' ħtija. Il-leġislatur jiddistingwi bejn il-fatti u l-motivazzjonijiet tant illi l-Artikolu 662(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid hekk:

> Kull deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali u tal-Qorti Kriminali li biha tiġi deċiża kwistjoni ta' liġi, għandu jkun fiha qabel kollox ir-raġunijiet li jkunu wasslu l-qorti għal dik id-deċiżjoni

15. Għaldaqstant hija biss kull deċiżjoni fuq kwistjoni ta' liġi li tingħata mill-Qorti tal-Appell Kriminali u mill-Qorti Kriminali li għandu jkun fiha r-raġunijiet li jkunu wasslu lil dik il-Qorti għal dik id-deċiżjoni u mhux ukoll id-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Il-validita` ta' dawn tal-aħħar hija suġġetta biss għal dak li jipprovdi l-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali in kwantu għall-formalitajiet rikjesti mil-liġi *ad validitatem*.

16. Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Abdilla** tat-28 ta' Lulju 2010:

> Issa, meta l-artikolu 382 jitkellem dwar "il-fatti", dawn huma l-fatti tar-reat u mhux il-fatti li jiggustifikaw il-kundanna ossia l-motivazzjoni.[3] Il-fatti tar-reat jirrizultaw mill-imputazzjoni.

17. U kif ingħad ukoll fis-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Jonathan Ferris) vs Albert Caruana** tat-30 ta' Jannar 2017:

> Għal fini ta' validita ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ghalhekk, indikazzjoni tal-fatti fil-forma ta' riproduzzjoni tal-imputazzjoni, li ma hi xejn ghajr il-fatt imputat, tissodisfa r-rekwizit ravvizat fl-artikolu 382.

18. F'dan il-każ, fis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti rriproduċiet l-imputazzjonijiet li bihom jinsab mixli l-appellant, u għaldaqstant, tenut kont ukoll illi l-istess sentenza tindika wkoll il-piena erogata u l-artikoli tal-liġi li jsawru r-reati li tagħhom l-istess appellant instab ħati, l-istess sentenza hija konformi mad-dettami tal-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali.

19. Għal dawn ir-raġunijiet, dan l-aggravju qed jiġi miċħud.

20. Illi fit-tieni aggravju sottopost għall-ġudizzju ta' din il-Qorti, l-appellant BRIGNONE jilmenta mill-irritwalita` tan-notifika u dan b'referenza

[3] Hawnhekk il-Qorti rreferiet għas-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Elton Abela** tat-28 ta' Lulju 2010.

għall-proċedura ta' affissjoni u pubblikazzjoni li ġiet utilizzata sabiex huwa jiġi notifikat bid-data tas-smigħ tal-kawża u biċ-ċitazzjoni odjerna. L-appellant jilmenta li l-mod kif ġiet eżegwita din il-proċedura ma jirriflettix dak ravviżat fl-Avviż Legali 335 tal-2014 ossia Ir-Regolamenti tal-2014 dwar il-Metodu ta' Notifika tal-Atti Ġudizzjarji. L-appellant isostni illi l-Prosekuzzjoni kellha indikazzjoni illi l-appellant kellu ndirizz li kien reġistrat u ma kienx allura l-każ ta' indirizz illi ma kienx magħruf. Il-fatt illi ntużat il-proċedura tal-affissjoni skont dak dispost fir-Regolament 8 tal-Avviż Legali 335 tal-2014, jisħaq l-appellant, hija indikazzjoni illi l-Prosekuzzjoni qieset dan il-każ bħala wieħed ta' nuqqas ta' aċċettazzjoni tan-notifika u dan minkejja li kitba espressa dwar dan m'hemmx fuq iċ-ċertifikat tan-notifika. F'dan il-każ, għalhekk, ma jirriżultax illi kien hemm rifjut dirett tan-notifika mill-appellant. Lanqas ma jirriżulta, skont l-appellant, illi l-uffiċjal li kien inkarigat min-notifika, ħalla t-taħrika fl-aħħar indirizz reġistrat, jew li waħħal it-taħrika mal-bieb tal-aħħar indirizz reġistrat, kif lanqas ma jirriżulta illi saru żewġ tentattivi ta' notifika tal-appellant. L-appellant għalhekk isostni illi din in-notifika kienet waħda rregolari.

21. Jibda biex jingħad illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi skond estratt mir-Reġistru Elettorali tal-Kunsill Lokali maħruġ f'April 2019, l-appellant kien jidher reġistrat bħala residenti fl-indirizz Flat 7, Triq il-Qalb ta' Gesu, Block G, Ent. B, Birgu.[4] L-istess jirriżulta minn estratt mir-Reġistru Elettorali tal-Kunsill Lokali maħruġ f'Ottubru 2019.[5] Jirriżulta wkoll mir-riferta a fol. 4 tal-atti proċesswali, illi l-uffiċjal iffirmat bħala M. Abela, ittenta jinnotifika lill-appellant fl-imsemmi indirizz u ċioe` Flat 7, Triq il-Qalb ta' Ġesu, Block G, Entratura B, il-Birgu, għall-ewwel darba nhar it-23 ta' Lulju 2019 fil-ħin tal-11:02 a.m u t-tieni darba nhar l-24 ta' Lulju 2019 fil-ħin tal-11:11 a.m., iżda ma rrisponda ħadd. Jirriżulta wkoll mill-istess riferta, illi nhar l-24 ta' Lulju 2019, u ċioe` wara illi t-tieni tentattiv ta' notifika ma kienx irnexxa, l-uffiċjal waħħal it-taħrika mal-bieb tal-indirizz imsemmi. Sussegwentement, nhar il-25 ta' Settembru 2019, fil-ġurnal *The Malta Independent* saret il-proċedura tal-pubblikazzjoni, ai termini tar-Regolament 8(b) tal-Avviż Legali 335 tal-2014.[6] Imbagħad nhar is-26 ta' Novembru 2019, l-appellant BRIGNONE deher debitament

[4] Ara a fol. 2 tal-atti proċesswali.
[5] A fol. 7 tal-proċess.
[6] Ara a fol. 6 tal-proċess.

assistit għas-smigħ tal-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

22. Illi r-Regolament 4(1) tal-Avviż Legali 335 tal-2014 jaqra hekk:

> In-notifika ta' taħrika għandha ssir bil-kunsinna tat-taħrika:
>
> (a) f'kull post f'Malta jew f'Għawdex personalment lill-persuna li lilha t-taħrika għandha tiġi notifikata; jew
>
> (b) billi titħalla fl-indirizz postal jew fl-aħħar indirizz reġistrat ta' dik il-persuna; jew
>
> (c) billi dik it-taħrika titħalla fil-post tan-negozju jew fil-post tax-xogħol ta' dik il-persuna:
>
> Iżda n-notifika skont il-paragrafu (b) għandha tkun valida biss jekk it-taħrika titħalla ma' xi membru tal-familja tagħha jew fid-dar, jew ma' persuna li tagħti, lill-persuna mħarrka, servizz f'dik id-dar:
>
> Iżda wkoll in-notifika skont il-paragrafu (ċ) għandha tkun valida biss jekk it-taħrika titħalla ma' persuna fis-servizz jew fl-impjieg tagħha, jew persuna awtorizzata li tirċievi l-posta f'isimha:
>
> Iżda wkoll l-ebda taħrika ma għandha titħalla ma' persuni taħt l-età ta' erbatax-il sena, jew ma' xi persuna li, għal raġunijiet ta'mard tal-moħħ, ma tistax tixhed rigward dik in-notifika, u dik il-persuna għandha tiġi preżunta li tkun kapaċi tagħti xiehda sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju.

23. Illi fil-każ odjern, evidentement saru żewġ tentattivi ta' notifika fl-aħħar indirizz reġistrat tal-appellant, fit-termini tal-paragrafu (b) tas-sub-regolament fuq ċitat, iżda dan ma ġiex notifikat stante illi, kif jirriżulta miċ-ċertifikat tan-notifika, ma rrisponda ħadd fl-istess indirizz. Għalhekk f'dan il-każ japplika r-Regolament 8(1)(a) u (b) tal-istess Avviż Legali li jgħid hekk:

> (1)(a) Fil-każ li mat-tieni tentattiv li tiġi notifikata l-persuna, in-notifika tal-att ġudizzjajru ma tistax issir skont ir-regolamenti 4 u 5, l-uffiċjal inkarigat bin-notifika għandu jħalli t-taħrika fl-aħħar indirizz reġistrat jew iwaħħal it-taħrika mal-bieb tal-aħħar indirizz reġistrat:
>
> Iżda l-uffiċjal ma jistax iħalli t-taħrika fl-aħħar indirizz reġistrat jew mwaħħla mal-bieb tal-aħħar indirizz reġistrat sakemm ma jkunx sar it-tieni tentattiv l-għada jew wara li jiskadi xi perjodu itwal.
>
> (b) Barra minn hekk estratti tal-att ġudizzjarju għandhom jiġu ppubblikati darba fil-Gazzetta jew f'wieħed mill-ġurnali ta' kuljum, liema estratti għandu jkun fihom l-isem u l-kunjom ta' min wettaq ir-reat, in-numru tad-dokument ta' identifikazzjoni legalment validu ta' min wettaq ir-reat, il-Qorti rispettiva ta' fejn ser isir is-seduta, id-data u l-ħin ta' fejn ser issir is-seduta u l-akkużi:
>
> Iżda, jekk l-aħħar indirizz reġistrat ma jkunx magħruf, għandu jkun biżżejjed u persuna għandha titiqies bħala notifikata, jekk l-estratti tal-att ġudizzjajru jiġu ppubblikati skont il-paragrafu (b).

24. Illi għalhekk fit-termini tar-regolament ċitat, la darba fil-każ odjern, wara żewġ tentattivi ta' notifika, ma rrisponda ħadd fl-aħħar indirizz reġistrat tal-appellant, u għalhekk in-notifika ma setgħetx issir skont ir-Regolament 4(1) tal-istess Avviż Legali, l-uffiċjal inkarigat bin-notifika, fl-istess jum, waħħal it-taħrika mal-bieb tal-aħħar indirizz reġistrat tal-appellant. Sussegwentement, saret ukoll il-pubblikazzjoni f'ġurnal ta' kuljum, bid-dettalji kollha indikati fil-paragrafu (b) tas-sub-regolament fuq ċitat, ossia isem il-Maġistrat li ppresjeda l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-każ odjern, u d-data u l-ħin tas-seduta, l-isem u l-kunjom tal-appellant, in-numru tal-karta tal-identita` tiegħu u l-akkużi miġjuba kontrih. In kwantu ċ-ċertifikat tan-notifika, il-Qorti tinnota dak li jipprovdi r-Regolament 16 tal-imsemmi Avviż Legali:

> Iċ-ċertifikat tan-notifika għandu jitqies bħala prova tal-kontenut tiegħu stess sakemm ma jkunx pruvat xort'oħra minn xi parti fil-

proċeduri u l-Qorti jidhriha li din il-prova mressqa mill-partijiet kontendenti tkun *prima facie* ġustifikata.

25. Ma tressqet l-ebda prova mill-appellant illi twassal lil din il-Qorti sabiex tiddubita minn dak li hemm imniżżel fiċ-ċertifikat tan-notifika. In oltre minkejja illi fit-trattazzjoni orali, l-abbli avukat difensur tal-appellant isostni illi l-affissjoni ma setgħetx issir fl-istess jum illi fih sar it-tieni tentattiv tan-notifika, din il-Qorti tinnota illi m'hemm xejn fil-kliem tal-liġi illi jipprekludi dan. Il-proviso tar-Regolament 8(1)(a) fuq ċitat, jagħmilha ċara illi l-uffiċjal ma jistax jadotta l-proċedura tal-affissjoni "*sakemm ma jkunx sar it-tieni tentattiv l-għada jew wara li jiskadi xi perjodu itwal*", u fit-test ingliż "*unless the second attempt has been carried out the next following day or after the lapse of any longer period*", li jfisser illi t-tieni tentattiv tan-notifika għandu jsir l-għada tal-ewwel tentattiv jew wara li jiskadi xi perjodu itwal, u mhux fl-istess jum. Dan ma jfissirx illi l-affissjoni għandha ssir l-għada tat-tieni tentattiv tan-notifika, jew wara li jiskadi xi perjodu itwal mit-tieni tentattiv. Altrimenti l-interpretazzjoni li qed jagħti l-avukat difensur tal-appellanti lil din id-disposizzjoni tal-liġi, tkun tfisser illi sabiex issir l-affissjoni, ikun jeħtieġ illi jsir it-tielet tentattiv tan-notifika, billi l-uffiċjal inkarigat ikollu jerġa' jmur fuq il-post tal-aħħar indirizz reġistrat għat-tielet darba sabiex issir l-affissjoni – kweżit dan illi l-liġi ma tirrikjedihx. F'dan il-każ fil-fatt, it-tieni tentattiv sar l-għada tal-ewwel tentattiv, u l-affissjoni saret fl-istess jum tat-tieni tentattiv.

26. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis li m'hemm xejn irregolari fl-eżekuzzjoni tal-proċedura tan-notifika tat-taħrika lill-appellant bil-proċedura tal-affissjoni u tal-pubblikazzjoni, b'dan għalhekk illi dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

27. Illi <u>t-tielet aggravju</u> tal-appellant jitratta l-identifikazzjoni tiegħu in kwantu huwa jillanja illi l-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova illi kienet hu l-persuna li kienet qed issuq il-vettura, u illi fir-rigward ma ttella' l-ebda xhud sabiex jidentifika lill-istess appellant.

28. Minnufih din il-Qorti tirrileva illi l-appellant m'għandux raġun f'dan l-aggravju. Jibda biex jingħad illi mill-affidavit ta' PC 1608 Anthony Dimech jirriżulta ċar illi x-xufier li twaqqaf minnu fil-jum in kwistjoni

kien "*certu Brignone Gildave detentur tal-karta tal-identita` 17298M imwieled ġewwa Pieta` nhar it-2 ta' Jannar 1998, residenti Block G, Entratura B, Flat 7, Triq il-Qalb ta' Ġesu, Birgu*"[7], liema numru tal-karta tal-identita` jaqbel ma' dak tal-appellant odjern. Fir-rigward, l-appellant imkien ma jgħid fir-rikors tiegħu, jew fix-xhieda tiegħu quddiem l-ewwel Qorti, illi n-numru tal-karta tal-identita` indikat fiċ-ċitazzjoni odjerna bħala n-numru tal-karta tal-identita` tiegħu, huwa żbaljat jew illi dan m'huwiex tiegħu. Din il-Qorti żżid ukoll illi fit-termini tal-Artikolu 360A(2) tal-Kodiċi Kriminali:

> (2) Il-persuna li kellha l-affidavit tagħha notifikat lill-akkużat kif provdut fis-subartikolu (1) ma għandhiex titħarrek biex tixhed fil-proċeduri jekk l-akkużat jonqos milli jagħti avviż tal-ħsieb tiegħu li jagħmel kontro-eżami lil dik il-persuna kif provdut f'dak is-subartikolu u dak l-affidavit għandu jkun ammissibbli bħala prova b'xiehda tal-kontenut tiegħu f'dawk il-proċeduri bl-istess mod bħallikieku kien xiehda mogħtija *viva voce* fil-preżenza tal-akkużat. (sottolinear ta' din il-Qorti)

29. In oltre meta l-appellant xehed quddiem l-ewwel Qorti, huwa fl-ebda waqt ma kkontesta illi kien hu s-sewwieq illi ġie mwaqqaf mill-Uffiċjal tal-Pulizija fil-jum in kwistjoni. Anzi għad-domanda tal-Qorti, huwa wieġeb hekk:

> Qorti: L-akkuza hija din, li inti fi 9 ta' April 2019, mela soqt vettura minghajr licenzja tas-sewqan u ghax kont minghajr licenzja tas-sewqan ma kellekx insurance valida. Ghandek xi haga xi tghid?
>
> Xhud: Iwa jien kont bit-truck tax-xoghol, licenzja tal-karozza kelli u tat-truck ma kellix u konna bin-nieqes dakinhar ix-xoghol u l-imghallem qalli ohrogli inti bhala xufier u jien li jghidli naghmel l-imghallem naghmel. U kelli nohrog bhala xufier ... Imma kif talabni l-licenzja mill-ewwel ghidtlu lil pulizija li tat-truckijiet m'ghandiex imma tal-karozza ghandi[8]

[7] Ara a fol. 3 tal-atti proċesswali.
[8] A fol. 22A u 22B tal-atti.

30. Għaldaqstant ma jirriżulta ebda dubju dwar l-identita` tas-sewwieq fil-każ odjern, kif isostni l-appellant, biex b'hekk dan l-aggravju tiegħu qiegħed jiġi miċħud.

31. Illi r-raba' aggravju tal-appellant jitratta l-apprezzament żbaljat tal-fatti u tal-liġi kif magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u li wassal għall-ħtija tiegħu dwar l-imputazzjonijiet kif miġjuba kontrih. Skont l-appellant, il-Prosekuzzjoni ma ġabitx il-prova tal-elementi rikjesti mil-liġi għar-reat lilu addebitat. Huwa jsostni illi l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx il-każ tagħha fil-grad rikjest fil-kamp penali u s-sejbien ta' ħtija tal-appellant għalhekk hija '*unsafe and unsatisfactory*'.

32. Illi fir-rigward, din il-Qorti tibda billi tirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) tal-21 ta' April 2005, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit** fejn ingħad is-segwenti:

> ... kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.[9]

---

[9] Fir-rigward, dik il-Qorti rreferiet ukoll għas-segwenti sentenzi: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991.

33. Illi in kwantu l-ewwel imputazzjoni, din tikkontempla r-reat ravviżat fl-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, li jaqra hekk:

> Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ħadd ma jista' juża jew iġiegħel jew iħalli lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq kemm-il darba, għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skont il-każ, ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, skont id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.

34. Imbagħad l-Artikolu 3(1A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, jaqra hekk:

> Ikun preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni fis-seħħ skont is-subartikolu (1), kemm-il darba min jiġi akkużat b'reat taħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4).

35. Din il-Qorti hija edotta mill-pożizzjonijiet diverġenti li ġew abbraċċjati mill-Qrati tagħna matul is-snin fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(1) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll, tal-preżunzjoni kkontemplata fl-Artikolu 3(1A) tal-istess Kapitolu, u meta din tiskatta. Diversi sentenzi segwew is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Angelo Scuderi**, deċiża minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, fit-3 ta' Novembru 2005 bħal, per eżempju, **Il-Pulizija vs Stefan Apap** tas-26 ta' April 2007, **Il-Pulizija vs Charles Galea** tas-7 ta' Mejju 2007, **Il-Pulizija vs Nicky Pace** tal-4 ta' Mejju 2007, u **Il-Pulizija vs Joseph Micallef** tat-30 ta' Marzu 2006, fost oħrajn, ilkoll deċiżi minn din il-Qorti, kif diversament preseduta. Fis-sentenzi **Il-Pulizija vs Stefan Apap** u **Il-Pulizija vs Charles Galea** saret distinzjoni bejn dawk il-każijiet fejn il-vettura tkun liċenzjata biex tintuża fit-triq, u allura bis-sistema amministrattiva prevalenti, tkun neċessarjament koperta b'polza ta' assikurazzjoni, u dawk il-każijiet, fejn il-vettura ma tkunx liċenzjata għat-triq. Fl-ewwel każ, ikun jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni sabiex tipprova li l-każ tax-xufier li ma jkollux liċenzja tas-sewqan, ma jkunx kopert, skont il-polza viġenti, bl-istess polza. Madankollu, fejn il-vettura ma tkunx liċenzjata għat-triq, u allura x'aktarx lanqas ma tkun koperta b'polza ta' assikurazzjoni, tiskatta l-preżunzjoni taħt l-Artikolu 3(1A) fuq ċitata, li

titfa' l-oneru tal-prova tal-polza ta' assikurazzjoni maħruġa taħt l-Artikolu 4(4) tal-Ordinanza, fuq il-persuna akkużata. Fl-istess sentenza, ingħad hekk:

> Fl-ewwel kaz, ladarba l-vettura tkun licenzjata, l-Awtorita' Dwar it-Trasport tkun taf ma min hi assikurata l-vettura w din hija facilment identifikabbli ghall-prosekuzzjoni w tkun tista' tigi ngunta biex tiddeponi dwar il-kontenut tal-polza w xi ezenzjonijiet jew limitazzjonijiet li tista' tikkontjeni fit-termini tal-art. 10 tal-Kap.104, billi okkorrendo anki tesibixxi kopja tal-istess polza. F' kazi bhal dawn ikun assurd li ghalkemm jirrizulta car li hemm polza, tiskatta l-prezunzjoni li ma hemmx polza kontenuta fl-art.3 (1A).
>
> Fit-tieni kaz, fejn zgur mhux possibbli ghall-prosekuzzjoni li tindovna jekk ikunx hemm assikurazzjoni u, jekk ikun hemm, liema tkun id-ditta assikuratrici, ovvjament mhux mistenni mill-Prosekuzzjoni li tingungi lir-rapprezentanti tal-assikurazzjonijiet kollha tal-pajjiz biex taghmel il-prova li fuq dik il-vettura ma jkunx hemm polza. Ghalhekk jaghmel hafna sens li hawn tiskatta l-prezunzjoni kontenuta fl-art. 3 (1A) bl-inversjoni tal-oneru tal-prova kontra l-persuna akkuzata bir-reat ta' sewqan minghajr kopertura ta' polza t' assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi.

36. Hawnhekk issir referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Joseph Gatt</u>** tat-18 ta' Jannar 2016, fejn il-Qorti għaddiet in rassenja l-ġurisprudenza in tema legali u rreferiet għall-pożizzjonijiet li ħadu l-Qrati tagħna matul is-snin:

> Illi minkejja li l-polza ta' assikurazzjoni tkopri biss lill-persuna li ċertament mhix l-appellant, l-istess appellant jargumenta li kien debitament assikurat u jagħmel dan għal żewg raġunijet. L-ewwel argument tiegħu hu li l-*policy schedule* fil-paġna 19, iġifieri dik sfilzata minn din il-Qorti, tipprovdi dwar dan. Bid-dovut rigward, il-paragrafu ċitat mill-appellant ma jgħidx, wisq anqas, jipprovdi dak pretiż mill-appellant iżda jgħid biss illi f'każ li l-assikurazzjoni tkun kostretta tagħmel tajjeb għall-eventwalitajiet hemm imsemmija **<u>skont il-liġi</u>**, ikollha dritt li tirkupra dak il-ħlas mingħand il-persuna li minħabba fiha ikun sar il-ħlas. L-appellant

imbagħad, in sostenn tat-tieni raġuni fl-aggravju tiegħu, jagħmel referenza għal sentenzi ta' din il-Qorti **Il-Pulizija vs. Angelo Scuderi** (App. Krim. 3.11.2005) u **Il-Pulizija vs. Mirko Giannetti** (App. Krim. 22.1.2014). B'dan, l-appellant irid issaħħaħ l-argument tiegħu illi la darba l-assikurazzjoni hi dejjem marbuta tagħmel tajjeb għal dejn ċivili favur terzi skont il-liġi, allura s-sewwieq ta' vettura huwa dejjem assikurat. Issa, traċċjat l-insenjament tal-Qrati tul iż-żmenijiet, jidher illi sas-sena 2005, l-Qrati tagħna dejjem fehmu dak li fis-sempliċita' tiegħu jipprovdi l-Artikolu 3 tal-Kap. 104, iġifieri li ħadd ma jista' jsuq vettura bil-mutur jekk ma jkunx debitament assikurat biex jagħmel dan. Dik is-sentenza iżda tippernja fuq id-doveri tal-kumpaniji tal-assikurazzjoni u bid-dovut rigward, l-obbligi u l-kundizzjonijiet li l-kumpaniji tal-assikurazzjoni jassumu mal-Awtoritajiet kompriż ir-Regolatur, sabiex tinħarġilhom u jżommu fis-seħħ il-liċenzji tagħhom bħala assikurazzjoni kompriż l-obbligi tagħhom li jieħu sehem f'*pool* bħala *insurers concerned* ma jistgħax jitqies li jeżonera lil kull sewwieq mill-obbligi tiegħu taħt il-Kapitolu 104. Tant hu hekk illi, għad li s-sentenza fl-ismijiet Scuderi kien font ta' referenza għal diversi kawżi anke jekk mhix dejjem segwita, l-Qorti tal-Appell kellha ripensament u fis-sentenza tagħha **Il-Pulizija vs. André Apap** tal-4 ta' Frar, 2011 rriteniet illi ma taqbilx mad-distinzjonijiet li saru minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenzi tagħha **Il-Pulizija vs. Angelo Scuderi (3.11.2005), Il-Pulizija vs. Stefan Apap (26.4.2007) u Il-Pulizija vs. Charles Galea** (7.5.2007) u oħrajn "*dwar meta tiskatta l-preżunzjoni prevista fis-subartikolu 3(1A) tal-Kap. 104. Is-subartikolu 3(1A) tal-Kap. 104 huwa ċar u inekwivoku fil-portata tiegħu..*". Din il-Qorti ma tara ebda raġuni għaliex għandha tagħti xi interpretazzjoni diversa għal Artikolu 3(1) u 3(1A) tal-Kapitolu 104 u għalhekk tqis illi l-appellant ma kienx debitament assikurat.

37. Illi fis-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Andre` Apap** tal-4 ta' Frar 2011, li għaliha saret referenza fis-sentenza appena ċitata, ingħad hekk:

Is-subartikolu 3(1A) tal-Kap 104 hu ċar u inekwivoku fil-portata tiegħu: il-preżunzjoni in kwistjoni tiskatta kull meta "...min jiġi akkużat b'reat taht is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi

juri certifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4)" tal-Kap. 104. Din id-dispozizzjoni ma tħalli lok għall-ebda interpretazzjoni. Qatt ma kien hemm xi htiega li jsir xi sforz biex id-dispozizzjoni tal-artikolu 3(1A) tal-Kap 104 tiġi rikonċiljata permezz ta' proċess ta' interpretazzjoni mad-dispozizzjoni tal-artikolu 10(1) tal-istess Kap għaliex iz-żewġ dispożizzjonijet jirregolaw sitwazzjonijiet diversi. L-artikolu 3(1A) tal-Kap 104 jirregola x'jiġri fi proċeduri kriminali għal reat taħt l-artikolu 3(1) tal-Kap 104 mentri l-artikolu 10(1) tal-istess Kap jirregola ir-riżarċiment mill-assikurazzjoni għal xi responsabbilta' għal dejn ċivili li għandha tkun koperta minn polza ta' assikurazzjoni. B'dak kollu li hemm fl-artikolu 10(1) tal-Kap 104 il-pożizzjoni li hemm fl-artikolu 3(1A) tal-istess Kap tibqa' mhux mittiefsa u ċioe' li fi proċeduri kriminali għal reat taħt l-artikolu 3(1) tal-Kap 104 kemm-il darba l-akkużat ma jgibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4) jiġi preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni.

38. Illi din kienet ukoll il-posizzjoni adottata minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Xemizin McKay</u>** tal-24 ta' Mejju 2023, li għaliha għamlet referenza wkoll l-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, fejn ingħad hekk:

> Illi kif tajjeb stqarret l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, tul is-snin kien hemm deċiżjonijiet li jidhru kemmxejn konfliġġenti mill-qrati tagħna dwar x'interpretazzjoni għandha tingħata lid-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu tal-liġi jikkontempla ir-reat ta' sewqan mingħajr kopertura ta' assigurazzjoni.
>
> Issa l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta li jitkellem fuq r-reat li l-appellant kien mixli bih fit-tieni imputazzjoni jiddisponi illi:
>
> **(1) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ħadd ma jista' juża jew iġiegħel jew iħalli lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq kemm-il darba, għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skont il-każ, ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji**

**ta' terzi persuni, skont id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.**

**(1A) Ikun preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni fis-seħħ skont is-subartikolu (1), kemm-il darba min jiġi akkużat b'reat taħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4).**

**(1B) Tista' tingħata eċċezzjoni valida, fil-prosekuzzjoni ta' reat taħt is-subartikolu (1), mill-akkużat jekk iġib prova li r-reat ikun sar mingħajr ma huwa kien jaf bih u li jkun eżerċita kull diliġenza dovuta biex ma jħallix li r-reat isir.**

Illi l-artikolu 4(4) jipprovdi hekk:

**Polza ta' assigurazzjoni ma għandha ebda effett għall-finijiet ta' din l-Ordinanza kemm-il darba u <u>sakemm ma jiġix maħruġ mill-assiguratur awtorizzat favur il-persuna li ħadet il-polza, ċertifikat</u> (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsemmi "ċertifikat ta' assigurazzjoni") <u>fil-forma stabbilita</u>; u meta l-polza ta'assigurazzjoni tkun ċertifikat internazzjonali ta' assigurazzjoni, dak iċ-ċertifikat internazzjonali għandu, għall-finijiet kollha ta' din l-Ordinanza ħlief meta r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, ikun iċ-ċertifikat ta' assigurazzjoni meħtieġ li jinħareġ taħt dan is-subartikolu.**

Huwa evidenti minn qari ta' din id-disposizzjoni tal-liġi illi għandha tirriżulta ir-reita' kull meta ma jkunx hemm maħruġ favur il-persuna imputata bir-reat taħt l-artikolu 3 ċertifikat ta'l-assigurazzjoni. Il-leġislatur, imbagħad, iqiegħed fuq l-ispalla tal-persuna akkużata l-ħtieġa li huwa jeżonera ruħu mir-responsabbilta' kriminali meta allura għandu jgib prova illi l-vettura hija koperta b'polza ta'l-assikurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni u dan billi juri li hemm fuq saqajh ċertifikat ta'l-assigurazzjoni maħruġ fit-termini ta'l-artikolu 4(4) ta'l-Ordinanza **<u>favur tiegħu</u>**. Illi din il-Qorti ma tistax allura taqbel mal-fehma tal-Ewwel Qorti illi huwa biżżejjed li jkun hemm ċertifikat ta' assigurazzjoni maħruġ fuq kwalunkwe persuna, għaliex l-artikolu 4(4), li jagħmel referenza għalih l-artikolu

> 3(1A), jinneċċesita illi dan ikun maħruġ favur dik il-persuna li tkun qed issuq il-vettura, u l-kwistjoni dwar jekk l-obbligazzjonijiet naxxenti minn din il-polza tal-assigurazzjoni għandhomx ikunu onorati xortawaħda mis-soċjeta assiguratriċi għalkemm il-vettura ma tkunx misjuqa minn sewwieq awtorizzat skont il-polza tal-assigurazzjoni, hija *res inter alios acta*, u kif tajjeb tistqarr l-Ewwel Qorti hija kwistjoni purament ta' natura ċivili li ma għandha ikollha ebda piż fil-kamp penali.
>
> Issa bix-xiehda ta' Brian Farrugia, rappreżentant ta' Transport Malta jirriżulta illi fil fatt kien hemm polza ta' assikurazzjoni maħruġa fuq il-vettura li kienet tkopri il-jum indikat fl-imputazzjoni. X'tip ta'polza kienet, min kien l-assiguratur, taħt liema kondizzjonijiet kienet maħruġa dik il-polza, min kien kopert bl-imsemmija polza, iżda, ma jirriżultax minn din ix-xiehda. Dak li kien jenħtieġlu jipprova l-appellant kien illi din il-polza kienet maħruġa favur tiegħu, jew għal ta'l-anqas kienet tkopri lilu ukoll bħala sewwieq awtorizzat u li kienet tagħmel tajjeb għar-riskji ta' terzi persuni.

39. Hawnhekk dik il-Qorti għamlet referenza għas-sentenzi fl-ismijiet **__Il-Pulizija vs Joseph Gatt__** u **__Il-Pulizija vs Andre` Apap__**, fuq ċitati, u kompliet hekk:

> Konsegwentement tenut kont tad-diċitura tal-liġi applikabbli għal din l-imputazzjoni, ma setatx l-Ewwel Qorti tistrieħ unikament fuq ix-xiehda ta' Brian Farrugia rappreżentant ta' Transport Malta, billi din ma kenitx prova suffiċjenti li tista' teżonera lill-persuna akkużata mill-piż tal-prova lilha spettanti fit-termini ta'l-artikolu 3(1A). Din il-prova ma ssirx mill-Prosekuzzjoni, iżda trid issir mill-persuna mputata, prova li neċessarjament hija f'idejh bħala dik il-persuna li hija mixlija bl-att vjolattiv. Dan għaliex hekk kif ikun hemm ix-xilja taħt il-Kapitolu 104, hemm il-presunzjoni illi ma kienx hemm polza ta'l-assikurazzjoni, liema presunzjoni trid tingħeleb mill-persuna mixlija bir-reat. Illi din il-prova ssir bil-produzjoni ta' ċertfikat ta'l-assigurazzjoni li għandu jkun jikkonforma mar-rekwiżiti stabbilit fl-artikolu 4(4) ta'l-Att. Kien jispetta lill-imputat, għalhekk, illi jipprova illi l-polza ta'l-assikurazzjoni viġenti kienet tali illi tkopri kwalunkwe ħsara li talvolta tista' tkun minnu kkaġjonata waqt li hu kien qiegħed isuq

il-vettura meta ġie interċettat mill-pulizija u dan billi jkun eżebit iċ-ċertifikat maħruġ favur tiegħu kif hemm imfassal fil-liġi.

Illi l-Qorti, għalhekk, ma tistax taqbel mal-fehma tal-Ewwel Qorti illi bix-xiehda ta' Brian Farrugia kien biżżejjed sabiex din il-prova tintlaħaq u dan iktar u iktar meta l-artikolu 3 speċifikatament isejjes ir-reita' meta "**għall-<u>użu tal-vettura minnu</u> jew minn dik il-persuna l-oħra, skont il-każ, ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, skont id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza**." Illi t-test bl-Ingliż ta' din id-disposizzjoni tal-liġi, fil-fehma tal-Qorti huwa iktar ċar u inekwivoku meta hemm hekk dispost:

> **Subject to the provisions of this Ordinance, it shall not be lawful for any person to use or to cause or permit any other person to use a motor vehicle on a road unless there is in force <u>in relation to the user of the vehicle</u> by that person or that other person, as the case may be, such a policy of insurance in respect of third-party risks as complies with the requirements of this Ordinance. (<u>enfazi tal-Qorti</u>)**

Id-diċitura adoperata għalhekk tinneċċessita prova dwar l-eżistenza ta' polza ta'l-assigurazzjoni li tikkonforma ruħha mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Ordinanza, b'din il-prova għalhekk ma hijiex magħmula, lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni, bid-dikjarazzjoni magħmula minn Transport Malta illi l-vettura kellha kopertura ta' assigurazzjoni mal-*Middle Sea Insurance plc* kif hemm indikat fid-dokument eżebit a fol.16. Din mhijiex il-prova li trid il-liġi u li tista' teżonera lill-appellat. Id-diċitura adoperata għalhekk tinneċċessita prova dwar l-eżistenza ta' polza ta'l-assigurazzjoni li tikkonforma ruħha mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Ordinanza u li tkopri lis-sewwieq li jkun kiser il-liġi u li hi maħruġa favur tagħha, u dan skont id-disposizzijonijiet tal-artikolu 4(4) ta'l-Att. Tant hu hekk illi f'dawk il-każijiet fejn ikun mixli l-persuna li ippermettiet lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq, huwa jista' jkun eżonerat mir-reita' mhux biss billi jeżebixxi ċertifikat ta'l-assigurazzjoni, iżda irid jipprova ukoll illi r-reat ikun sar mingħajr ma huwa kien jaf bih u li jkun eżerċita kull diliġenza dovuta biex ma jħallix li r-reat isir, u dan

> allavolja jkun ippreżenta ċ-ċertifikat ta'l-assigurazzjoni biex b'hekk ifisser illi r-responsabbilta' penali tirriżulta meta ma jkunx hemm il-prova illi s-sewqan ikun kopert b'polza ta'l-assigurazzjoni li tkun inħarġet favur is-sewwieq bħala persuna awtoriżżata ukoll.

40. Eżaminati l-atti proċesswali jirriżulta illi l-appellant ma ressaq l-ebda prova sabiex jeżimi ruħu mill-ħtija għar-reat taħt l-Artikolu 3(1) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan minkejja wkoll illi huwa għażel li jixhed f'dawn il-proċeduri. Għalkemm jirriżulta illi fiż-żmien in kwistjoni, il-vettura kienet reġistrata fuq ċertu Audrey Kristel Pace Bonello għan-nom ta' Aquatess Marketing Limited, ma tirriżulta l-ebda prova fl-atti proċesswali jekk din il-vettura kinitx koperta b'polza ta' assikurazzjoni, u wisq inqas illi l-appellant kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni sabiex isuq din l-istess vettura. Għalhekk kienet korretta l-ewwel Qorti meta kkonkludiet bil-mod segwenti fir-rigward:

> Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni [fil-fatt din kienet l-ewwel imputazzjoni] ossia' dik dwar is-sewqan mingħajr polza tal-assigurazzjoni li tkopri r-riskji tat-terzi hija ormai ġurisprudenza assodata tal-Qorti tal-Appell Kriminali illi s-sewwieq li jkun akkużat bir-reat ravviżat taħt l-Art. 3(1) tal-Kap. 104 irid jipprova illi huwa kien **<u>personalment</u>** kopert taħt il-polza tal-assigurazzjoni maħruġa għall-użu tal-vettura minnu. Jirriżulta mill-atti illi l-imputat ma ressaq l-ebda provi f'dan ir-rigward u għalhekk din it-tieni imputazzjoni ukoll tirriżulta ppruvata.

41. In kwantu t-tieni imputazzjoni u s-sejbien ta' ħtija fl-appellant dwar l-istess, din il-Qorti m'għandhiex wisq xi tgħid. Jirriżulta illi l-appellant twaqqaf minn PC 1608 Anthony Dimech fil-waqt illi kien qed isuq vettura tal-marka Isuzu bin-numru ta' reġistrazzjoni EBV 117, liema vettura, skont ix-xhieda ta' Stephen Cachia għan-nom tal-Awtorita` dwar it-Trasport f'Malta u d-dokumenti minnu esebiti, kellha piż ta' 5,020 kilogrammi u għalhekk kienet teħtieġ sabiex tiġi misjuqa, liċenzja fil-kategorija C1 jew fil-kategorija C. Dan jirriżulta wkoll mill-Ewwel Skeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18. In oltre mix-xhieda tal-istess Stephen Cachia, jirriżulta wkoll illi fiż-żmien in kwistjoni, l-appellant kellu liċenzja tas-sewqan fil-kategorija B, li permezz tagħha seta' jsuq vetturi

b'massa awtorizzata massima ta' mhux iżjed minn 3,500 kilogrammi. Fix-xhieda tiegħu quddiem l-ewwel Qorti, fil-fatt, l-istess appellant jixhed illi dakinhar huwa kien qed isuq *truck* tax-xogħol u illi ma kellux liċenzja sabiex isuq din il-vettura. Għaldaqstant, kif qalet l-ewwel Qorti:

> "...l-imputat ma kellux liċenzja tas-sewqan valida għall-kategorija rikjesta mil-liġi, jiġi illi huwa ma kienx qed isuq b'liċenzja tas-sewqan valida u b'hekk l-ewwel imputazzjoni [din kienet fil-fatt it-tieni imputazzjoni] tirriżulta sodisfaċjentement ippruvata."

42. Għaldaqstant, dan l-aggravju tal-appellant qiegħed jiġi miċħud.

43. Illi permezz tal-<u>ħames u l-aħħar aggravju</u> minnu mressaq, l-appellant jilmenta mill-piena nflitta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u dan hekk kif fil-fehma tiegħu, din kienet waħda eċċessiva. Huwa jsostni illi m'għandux mezzi finanzjarji sabiex iħallas multa daqstant oneruża, u l-iskwalifika tal-liċenzja rrendietu suġġett għat-telfien ta' xogħol.

44. Huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita` li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva.

45. Dwar dan, fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Awwissu 2005, fil-kawża fl-ismijiet **<u>The Republic of Malta vs Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek</u>**, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) irreferiet għal *Blackstone's Criminal Practice 2004,* filwaqt illi kompliet tgħid illi din hija l-posizzjoni adottata konsistentement mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kemm fis-sede Superjuri, kif ukoll f'dik Inferjuri:

> **"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus**

**in *Nuttall* (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, *though they may appear heavy to individual judges*' (emphasis added). Similarly, in *Gumbs* (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '*...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle.*" Both Channell J in *Nuttall* and Lord Hewart CJ in *Gumbs* use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."**[10]

46. Illi għalhekk din il-Qorti ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti sempliċiment għaliex din tippreskrivi piena ogħla minn dik li din il-Qorti kienet tagħti li kieku kienet hi li erogat il-piena. Sabiex l-appell jirnexxi, jeħtieġ illi l-appellant juri illi l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Jeħtieġ għalhekk illi din il-Qorti tagħmel l-analizi tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva, meta wieħed iqis ukoll l-aspetti retributtivi u preventivi tal-piena.[11]

47. Magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis illi l-piena ta' multa erogata mill-ewwel Qorti u ċioe` multa kumplessiva ta' €2,500, hija fil-parametri tal-piena preskritta mil-liġi għar-reati li tagħhom instab ħati l-appellant, b'dan ukoll illi tali multa tqarreb ferm iżjed lejn il-minimu

[10] Hawnhekk dik il-Qorti rreferiet għall-paġna 165, para. D23.45
[11] Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-22 ta' Ottubru 2019, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mohamed Berkouk, Mallem Abderrahmane, Lazhari Zamouche**.

milli lejn il-massimu. Għalhekk din il-Qorti ma tqisx illi għandha titbiegħed minnha.

48. In kwantu għall-iskwalifika tal-appellant milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan u għall-aggravju minnu ntentat fir-rigward, din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Adrian Saliba** tal-11 ta' Ġunju 2020, fejn ingħad hekk:

> Dwar dan, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Frans Micallef Spettur Spiridione Zammit Vs Mario Mifsud'**[12] fejn gie kkunsidrat li:
>
> *'Minbarra l-ewwel argument, l-appellant ressaq ukoll ilment illi huwa jiddependi hafna mis-sewqan minhabba problemi illi ghandu familjari fis-sens illi qed irabbi wahdu zewgt itfal minuri u li wiehed minnhom ibaghti minn autism akuta u ghalhekk ghal dak li jirrigwarda s-sospensjoni tal-licenzja ser jaghmel il-hajja tal-appellant ferm difficli anke minhabba li l-aktar li ser ibaghtu minn din il-piena huma t-tfal minuri illi jiddependu b'mod assolut fuq l-appellant. Din il-Qorti ma jidhrilhiex illi dan l-ahhar ilment tal-appellant jista' jigi milqugh peress illi l-qrati taghna dejjem argumentaw illi persuna li jiddependi mis-sewqan ma jintitolahx illi jmur kontra l-ligi. Fil-kawza "Il-Pulizija versus Paul Azzopardi" deciza mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Awwissu 2006 intqal illi l-fatt li driver ikun jiddependi mis-sewqan ghall-ghejxien tieghu ... "ma jintitolax lil din il-Qorti li tmur kontra l-ligi espressa billi ma tapplikax l-iskwalifika mandatorja, ghax kieku kellu jsir hekk, dan ikun ifisser li min l-aktar irid joqghod attent fis-sewqan tieghu ghax ikun isuq il-hin kollu, ghandu xi immunità mill-kastig meta jinqabad isuq hazin." Kif già nghad il-Qorti applikat l-iskwalifika fil-minimu taghha dovut mhux ftit ghall-fatt illi l-appellant ammetta fi stadju bikri tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.'* [sottolinear ta' din il-Qorti]

49. Illi fid-dawl tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, u tal-Artikolu 15(3) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll tal-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna fir-rigward, din il-Qorti lanqas

[12] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Ottubru 2014 (Appell Kriminali Numru: 1/2014).

ma jidhrilha illi għandha tibdel is-sentenza appellata in kwantu ordnat l-iskwalifika tal-appellant milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għaż-żmien indikat fl-istess sentenza.

**DECIDE**

50. Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell interpost mill-appellant **Gildave BRIGNONE** u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan illi l-perjodu tal-iskwalifika tal-appellant milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan, jibda jiddekorri mil-lum.

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**